ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 19 IT-TNEJN 12 TA' SETTEMBRU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (ĦDAX Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jerome Caruana Cilia, Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kellu impenji ta' eżamijiet.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**19/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 18**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 18 li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 18 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**19/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**19/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ talbu biex issir laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-Mitħna tar-Riħ, dan id-Dipartiment infurmana li jekk ikollu jiltaqa' mal-Kumitat Festi Esterni jkollu jinfurmah li ma żammewx mal-kuntratt tad-devoluzzjoni. Għaldaqstant ikun għaqli li l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ jirrinunzjaw għall-Mitħna tar-Riħ u wara jagħmel arranġamenti mal-Kunsill Lokali dwar l-użu tagħha ladarba tiġi devoluta' lill-Kunsill.

**19/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li minħabba nuqqas ta' konkorrenza mill-pubbliku, l-End of Summer BBQ li kien maħsub li jiġi organizzat se jiġi kkanċellat.

**19/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet sabiex il-Kunsill ikollu mobile CCTV li titpoġġa ma' postijiet fejn hemm problemi ta' abbużi ta' skart. Il-Kunsill approva sabiex jmexxi b'din il-proposta u għandu jibda' jibda' b'dan is-servizz fil-ġranet li ġejjin fejn l-Kunsill għandu jpoġġi tabelli li juru li dawn iż-żoni jistgħu ikunu ssorveljati minn CCTV.

**19/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-ġanet li ġejjin se tiġi mqassma "Id-Dielja", filwaqt li stiednet lill-Kunsilliera biex min għandu xi artiklu għal ħarġa ta' Diċembru għandu jgħaddih lill-Kunsill qabel nofs Novembru 2016.

**19/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret fl-inizjattiva li l-Kunsill Lokali kien ipprova jagħmel fil-Milied tas-sena l-oħra billi jagħmel daqq ta' mużika fit-toroq ewlenin ta' Ħal Qormi u jkun jsir riklamar bejn diska u oħra. Il-Kunsill Lokali qabel biex jipprova jmexxi b'din l-inizjattiva għal din is-sena wkoll.

**19/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** jiftaħ id-diskussjoni dwar l-attivitajiet għal Jum Dinji tat-Tfal. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** spjega li huwa tkellem mal-President ta' Malta fejn wriet volonta' biex dan il-programm ta' attivitajiet isir fis-*Secret Garden* ġewwa l-Palazz ta' San Anton. Il-Kunsill qabel unanimament biex jikteb lill-Uffiċċju ta' President dwar din il-proposta.

**19/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2016
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2016
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**19/04** **MOZZJONIJIET**

**19/04/01** **MOZZJONI 40/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*"Nipproponi biex il-Bordijiet tal-Aġġudikazzjoni għall-Offerti dwar Ġbir ta' Skart Goff u Ġbir ta' Skart Mħallat, ikun iffurmat hekk:*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Josef Aquilina, Charles Farrugia (Contract Manager)*

*Tender Coordinator: Kenneth Brincat (Segretarju Ezekuttiv)."*

**DOK 'B'**

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 40/2016 fejn il-Kunsil għandu jipprepara għall-ħruġ ta' dawn iż-żewġ offerti.

**19/05 RAPPORTI**

**19/05/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li ma kienx hemm rapporti x'jitressqu għad-diskussjoni/approvazzjoni.

**19/06 KORRISPONDENZA**

**19/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'C 1-8'**

1. Dwar Ċirkulari 17/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kull Kunsill suppost kollu Deputat Segretarju Eżekuttiv li jrid jintgħażel minn fost il-persuni li jagħmlu parti mill-Pool ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Is-Segretarju Eżekuttiv innomina lis-Sinjorina Karen Camilleri.

   **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jaħtar lill-Karen Camilleri bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

   **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda.

   **Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

   Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat in-nomina tal-ħatra ta' Karen Camilleri bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni tal-Ministru.

2. Dwar Ċirkolari 18/2016 maħriuġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li meta Kunsillier jonqos milli jattendi għal xi laqgħa tal-Kunsill, ikollha titnaqqas l-allowance pro-rata. Il-Kunsilliera talbu biex jiġi ċċarat mad-Dipartiment, li f'każ ta' meta Kunsillier ikun ma jiflaħx jew fuq

impenji tal-Kunsill Lokali stess, li l-Kunsill ikun iġġustifika, għandiex titnaqqas xorta waħda l-allowance tal-Kunsillier.

3. Dwar PC 050/2016 mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar, li tikkonċerna bdil fiż-żona ta' containment u s-'service road' bejn Triq il-Ħelsien u Sqaq ta' Barnaw, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

4. Dwar Ċirkolari 19/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill għandu japplika biex ikun jista' jħallas il-miżata tas-sħubija fil-GAL XLOKK.

5. Dwar stedina biex il-Kunsill jinnomina xi Anzjan għall-Premju Anzjanita Attiva, s-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsilliera sabiex jekk għandhom xi anzjan li ta' kontribut skont il-kriterji tal-premju msemmi, għandu jibgħat l-isem lis-Segretarju Eżekuttiv li min-naħa tiegħu għandu jikkonsulta mal-Kunsill kollu permezz tal-email qabel ma tintbagħat l-applikazzjoni.

6. Dwar petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Bastjan u Triq San Bartolomew, sabiex isiru Vertical Deflection Systems u jitneħħew ir-rumble strips minn quddiem il-Mużew, il-Kunsill qabel li jiżdiedu Traffic Road Hump Calmers u għaldaqstant se jintalab il-parir tal-perit tal-Kunsill fejn dawn għandhom isiru. Fir-rigward tat-tneħħija tar-rumble strips il-Kunsill ma qabilx għaliex dawn irriżultaw li kienu sodisfaċenti u li ma jagħmilx sens li biex tiżdied is-sigurta' għat-tfal li jattendu l-mużew dawn jitneħħew. Il-Kunsill għandu jirrispondi lill min iffirma l-petizzjoni (inkluż l-Mużew li wkoll kitbu) billi jgħaddi l-proposta tal-perit.

7. Dwar l-*European Week for Waste Reduction*, il-Kunsill se jkun qed jipparteċipa billi jippromwovi il-bank tal-ħwejjeġ li tpoġġew fi Ġnien Federico Maempel u fil-Pjazza tal-Gran Mastru.

8. Dwar komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dwar *workshops* bit-tema tal-*Europe for Citizens* li se jsiru fi Brussels bejn l-10 u 13 ta' Ottubru 2016, hija pproponiet biex jattendi għal dawn il-*workshops* is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19/07 INFORMAZZJONI**

**19/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jirrimarka dwar il-fatt li qed jingħataw ħafna ċitazzjonijiet fejn jemmen li l-Gwardjani Lokali għandhom ikunu aktar ta' edukazzjoni u jkunu aktar sensittivi skont iċ-ċirkostanzi bħal per eżempju li f'ċerti sqaqin r-residenti jifthemu bejniethom iżda l-Gwardjan Lokali jmur iħarrek għax mhux suppost tipparkja. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ppropona biex il-Kunsill jitkeb lill-LESA u jsostni li ħadd għajr mill-Kunsill ma jaf sew il-lokalita' u fejn hemm bżonn ta' infurzar u fejn wieħed għandu jkun aktar tolleranti.

**19/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:25 ta' filgħaxija.

| **Iffirmati** | **iffirmati** |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum **it-Tnejn, 3 ta' Ottubru** 2016.